***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Hamis, 20 ta' Gunju 2019.**

**Rikors Numru: 647/2019/LSO**

**Dr Paul Soler (ID 652060M) u Dr Doriette Soler (ID 303961 M)**

**vs**

1. **Ruth Vassallo (0299074M)**
2. **NCR Developoments Limited (C – 27283)**
3. **Mohim Abouzidan (21965A)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Dr Paul Soler (ID 652060M) u Dr Doriette Soler (ID 303961M) datat l-20 ta' Mejju 2019, fejn inghad bil-qima u gie kkonfermat bil-gurament :

Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tieghu;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimati milli personalment, jew tramite haddiema jew kuntratturi nkarigati, jaghmlu, jibdew u/jew iwettqu kwalunkwe, xoghol ta' skavar, thaffir jew xort' ohra ta' tqattiegh fis-sit precedentement maghruf bhala 'Casa Doretta', Triq is-Swieqi, Swieqi, sakemm mhux imbieghed almenu sitta u sebghin centimetru (76 cm) mill-fond tar-rikorrenti (52, Triq is-Swieqi, Swieqi); u/jew milli jaghmlu kwalunkwe' xoghol iehor, inkluz kwalunkwe xoghol ta' bini, illi jmiss ma' jew jaffettwa l-hajt divizorju mal-fond imsemmi tar-rikorrenti, jew li jkun entro s-sitta u sebghin centimetru (76 cm) fuq imsemmija:

Ir-rikorrenti jitolbu wkoll illi l-mandat jigi milqugh provizorjament, sakemrn il-prezenti rikors jigi deciz b'mod definittiv;

Illi r-rikorrenti huma sidien u okkupanti tal-fond 52, Triq is-Swieqi, Swieqi (kopja tal-kuntratt t'akkwist anness bhala Dok S 1);

Illi f'April 2018, l-intimati Ruth Vassallo jew NCR Developments Limited, jew min minnhom, ottjenew permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar (PA 03039/18) sabiex iwettqu xoghlijiet fil-fond adjacenti ghal dak tar-rikorrenti, cioe' l-fond bl-isem ta' "Casa Doretta", Triq is-Swieqi, Swieqi, liema xoghlijiet jikkonsistu *inter alia* fi thaffir u zivilupp ta' dan is-sit - *To demolish existing house and construct basement type 3 garage and five floors of overlying apartments (including a setback floor)*;

Illi r-rikorrenti m'oggezzjonawx ghal din l-applikazzjoni. Madanakollu, kif inhuwa naturali, hassewhom preokkupati bil-hsarat illi jista' jikkawza zvilupp bieb ma' bieb maghhom, liema zvilupp kien mahsub li jinkludi demolizzjoni u thaffir jew tqattiegh. Dan il-preokkupazzjoni titnissel ukoll mill-fatt illi huma konxji li zviluppi simili fl-istess inhawi kkawzaw hsarat sostanzjali, anke minhabba l-kwalitajiet tal-art sottostanti.

Illi fid-dawl ta' dan, l-esponenti kellhom komunikazzjonijiet mal-intimati u mal-perit taghhom fejn fost l-ohrajn fittxew assikurazzjoni illi l-intimati, waqt ix-xoghlijiet ta' tqattiegh, sejrin josservaw id-distanzi statutorju halli, almenu, jitnaqqas ir-riskju ta' hsarat.

Illi din l-assikurazzjoni mhux talli ma nghatatx izda talli ittra mibghuta mill-perit tal-intimati datata l-25 ta' Settembru, 2018, tat x'tifhem illi l-intimati kienu bi hsiebhom li, bhala parti mill-izvilupp taghhom, iwettqu thaffir li ser iwassal

direttament mal-hajt divzorju li jifforma parti mill-proprjeta' tar-rikorrenti bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-ligi;

Illi fid-dawl ta' dan, l-esponenti nhar it-22 t'Ottubru 2018 ipprezentaw protest gudizzjarju illi bih ghamluha cara illi huma kienu qed jinsistu illi l-intimati, fl-izvilupp taghhom u f'dak li jirrigwarda thaffir u/jew tqattiegh, kellhom ihallu boghod ta' mhux anqas minn 76 centimetru mill-hajt divizorju tar-rikorrenti kif, fl-ahhar mill-ahhar, jezigi l-Artikolu 439 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; Ghal dan il-protest, l-intimati rrispondew b'kontroprotest tas-26 ta' Novembru 2018, illi bih, ghalkemm cahdu b'mod generiku l-istqarrijiet fil-protest tar-rikorrenti, baqghu ma tawx assigurazzjoni illi d-distanza statutorja ta' 76 centimetru mill-hajt divizorju se tigi rispettata;

Illi dan wassal biex nhar it-12 ta' Dicembru 2018, meta l-konvenuti kienu appik li jibdew iwettqu xoghlijiet ta' skavar, ir-rikorrenti ntavolaw mandat t'inibizzjoni kontra l-intimati (Rikors 2019/2018 MH), sabiex iwaqqfuhom milli personalment, jew tramite haddiema jew kuntratturi nkarigati, jaghmlu, jibdew u/jew iwettqu kwalunkwe' xoghol ta' skavar, thaffir jew xort'ohra ta' tqattiegh fis-sit sakemm mhux imbieghed almenu sitta u sebghin centimetru (76 cm) mill-fond (Ara Dok S2 u dokumenti annessi);

Illi dan il-mandat intlaqa' **provizorjament fit-12 ta' Dicembru 2018;**

Illi mar-risposta taghhom tas-26 ta' Dicembru 2019, u cioe` qabel id-determinazzjoni finali tal-mandat, l-intimati esebew dikjarazzjoni mill-Perit James Manduca, inkarigat mix-xoghlijiet, li fiha stqarr illi l-intimati kienu sejrin josservaw id-distanza statutorja skont il-ligi (Dok S3);

Illi fid-dawl ta' dan, ir-rikorrenti stqarrew illi *stante* li l-intimati prezentaw id-debita dikjarazzjonijiet annessi mar-risposta taghhom, fejn kien hemm impenn ta' nuqqas tat-thaffir oltre d-distanza permessa mil-Ligi, allura l-mertu tal-mandat *de quo* kien gie ezawrit u li l-Qorti kellha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess, b'riserva ghall-ispejjes li kellhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

Illi b'digriet finali tal-14 ta' Jannar, 2019, din l-Onorabbli Qorti hadet konjizzjoni ta' dawn l-izviluppi u tat is-segwenti digriet (Dok S4) li bih, minkejja illi astjeniet milli tiddeciedi b'mod ahhari dwar il-mandat, ordnat lill-intimati jhallsu l-ispejjez tal-kaz, rikonoxximent dan illi kien minnu dak li stqarrew ir-rikorrenti u li d-dikjarazzjoni tal-Perit James Manduca saret biss wara illi r-rikorrenti ghamlu l-mandat:

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda takkolji t-talba tar-rikorrenti li a bazi tad-dikjarazzjonijiet maghmula mill-Perit James Manduca tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba fil-mandat in ezami u *in vista* tal-*iter* tal-fatti kif okkorrew u l-fatt li d-dikjarazzjoni msemmija nghatat wara t-talba ta' l-inibizzjoni, tqies li l-intimat ghandu jbati l-ispejjes ta' dawn il-proceduri.

*Tirrevoka contrario imperio id-digriet taghha tat-12 ta' Dicembru, 2018 fejn laqghet it-talba provizorjament.*

Illi sfortunatament, minkejja dan id-digriet u dikjarazzjoni tal-Perit James Manduca, l-intimati Vassallo u NCR Developments Limited, gew jaqghu u jqumu u jirrizulta car illi f'dawn l-ahhar gimghat wettqu thaffir bi ksur tad-distanzi statutorji, b'dan illi l-aktar thaffir imbieghed mill-fond tar-rikorrenti huwa biss ta' 63 centimetru u mhux 76 centimetru. Dan kif certifikat mill-Perit John Papargiocopulo f'rapport tat-13 ta' Mejju 2019 (Dok S5) illi fih jispjega wkoll illi dan in-nuqqas ta' tharis tad-distanzi statutorji qed jaghtu lok ghal hsarat fil-fond tar-rikorrenti;

Illi f'dan l-ahhar jiem kien hemm zivilupp aktar inkwetanti illi r-rikorrenti sejrin jispjegaw.

Illi fil-qosor, zviluppatur jismu Mohib Abouzidan, illi qieghed prezentement jiddemolixxi u jiskava plot kontigwa ma' dik tal-intimati Vassallo, tramite impjegati tieghu jew haddiema minnu mqabbda, dahal fil-plot kontigwu ghal dak tar-rikorrenti Soler (cioe` l-art appartenenti lill-intimati Vassallo/NCR) u beda iwaddab terrapien man-naha tal-hajt divizorju tar-rikorrenti, b'dan illi qed ikompli jiggrava l-hsara li kienet ga twettqet lill-hajt divizorju u lil dik il-parti tal-art li tinsab *entro* is-76 cm statutorji;

Illi nhar is-Sibt 18 ta' Mejju filghaxija, waqt li dan ix-xoghol kien ghaddej fil-plot tal-intimati Vassallo/NCR, ir-rikorrenti Dr Paul Soler cempel lill-Perit James Bondin (il-Perit tal-intimati Vassallo/NCR) li rrilaxxa d-dikjarazzjoni esebita fl-atti tal-mandat precedenti. Il-Perit fi ftit kliem, mhux talli ma ta ebda assigurazzjonijiet dwar ix-xoghlijiet, izda talli qal li hu "m'ghandux kontroll fuq Abouzidan" u illi t-thaffir, tqattiegh u demolizzjoni se jkompli. (Ir-rikorrenti qed jannetti bhala Dok S6 ritratti mehuda nhar is-Sibt 18 ta' Mejju, 2019).

Illi r-rikorrenti ghandhom biza' reali li din mhix hlief stratagemma sabiex ix-xoghol ta' thaffir u tqattiegh fid-distanza statutorja, li l-intimati Vassallo ntrabtu li ma jwettqux, isir minn terzi bl-iskuza illi dawn ma kienux parti fil-mandat originali.

Barra minn hekk, jekk jitkompla x-xoghol imsemmi, anke jekk bil-bini ta' qoxra gdida, kwalunkwe' jeddijiet li r-rikorrenti ghandhom marbuta mad-distanzi statutorji msemmija, se jigu lezi, bil-preokkupazzjoni li jsehhu izjed hsarat 'il quddiem, kemm ghall-fond u kemm ghall-hajja u s-sahha tar-rikorrenti.

Illi ghalhekk kellu jsir dan il-mandat sabiex ir-rikorrenti jikkawtelaw id-drittijiet taghha.

Illi fl-ahharnett, kollox juri illi x-xoghlijiet illi r-rikorrenti huma preokkupati dwarhom se jkomplu mal-ghodwa t'ghada t-Tnejn, 20 ta' Mejju, u ghalhekk minhabba l-urgenza u s-

serjetà tas-sitwazzjoni u l-impatt li jista' jkollu l-izvilupp protest, ir-rikorrenti qed jitolbu bir-rispett illi dan il-mandat jigi milqugh anke provizorjament.

Rat id-digriet tad-19 ta' Mejju 2019 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-6 ta' Gunju 2019, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimati Ruth Vassallo [karta ta' identita` numru 0299074(M)] u NCR Developments Limited datata 23 ta' Mejju 2019 a fol 30 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-Hamis 6 ta' Gunju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet debitament assistiti. Deher ir-rikorrent assistit minn Dr Jonathan Abela Fiorentino, u Ruth Vassallo f'ismha proprju u ghan-nom tas-socjeta` intimata assistita minn Dr Jennifer Shaw. L-intimat Mohib Abuzidan imsejjah tliet darbiet ma deherx, u minkejja li gie debitament notifikat ma prezentax risposta. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri prezenti. Dr Shaw iddikjarat li x-xoghlijiet tal-iskavar gew kompluti u m'ghandux ikun hemm aktar skavar. Dr Abela Fiorentino rribbatta li galadarba diga` kien hemm ftehim milhuq quddiem l-Onor. Imhallef Miriam Hayman, xtaqu li l-jedd taghhom *ex-lege* jigi garantit b'digriet ta' din il-Qorti, billi ma jistghux jistriehu aktar fuq il-kelma tal-kontro-parti. Il-mandat gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET:

Permezz tar-rikors odjern, qed jintalab li l-intimati jigu mizmuma milli jaghmlu, jibdew u/jew iwettqu kwalunkwe xoghol ta' skavar, thaffir jew xort' ohra ta' tqattiegh fis-sit precedentement maghruf bhala "Casa Doretta" Triq is-Swieqi, Swieqi, sakemm mhux imbieghed almenu sitta u sebghin centimetru (76cm) mill-fond tar-rikorrenti (52, Triq is-Swieqi, Swieqi) u/jew milli jaghmlu kwalunkwe xoghol iehor, inkluz kwalunkwe xoghol ta' bini, illi jmiss ma' jew jaffetwa l-hajt divizorju mal-fond imsemmi tar-rikorrenti, jew li jkun *entro* s-sitta u sebghin (76cm) fuq imsemmija. Inoltre fissru l-biza taghhom li huma konxji li zviluppi simili fl-istess inhawi kkawzaw hsarat sostanzjali, anke minhabba l-kwalitajiet tal-art sottostanti.

L-intimati opponew billi sostnew li ma ngabitx prova dwar id-dritt vantat mir-rikorrenti, u kif ser jigu ppregudikati bl-azzjonijiet. Gie sostnut ukoll li l-mandat *de quo* hu wiehed tardiv, ghaliex l-azzjonijiet li qed jintalbu li jitwaqqfu diga twettqu. Inotre`, gie sostnut, li t-talba ghal dan il-Mandat hi bbazata fuq supposizzjonijiet u allegazzjonijiet fiergha u gie sahansitra sostnut li l-mandat *de quo* gie mitlub b'malizzja.

Jigi nnutat li Mohib Abouzidan, ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta.

**Rizultanzi fattwali:**

Illi r-rikorrenti huma sidien u okkupanti tal-fond 52, Triq is-Swieqi, Swieqi, kif jidher mill-kuntratt ta' akkwist Dok S1. F'April 2018, l-intimati ottjenew permess mill-Awtorita` tal-Ippjanar PA 03039/18 biex iwettqu xoghlijiet fil-fond adjacenti u cioe` fil-fond Casa Doretta, Triq is-Swieqi, Swieqi. Jirrizulta li fit-22 ta' Ottubru 2018 ir-rikorrenti kienu pprezentaw protest gudizzjarju, sabiex jinsistu li fl-izvilupp taghhom, l-intimati kellhom ihallu mhux anqas minn 76 centimetru, skont l-artikolu 439 tal-Kap 16. Difatti, ir-rikorrenti kienu diga intavolaw talba ghal mandat fit-12 ta' Dicembru 2018 (2019/2018/MH), liema mandat kien intlaqa' provizorjament, u kienet giet esebita dikjarazzjoni tal-Perit James Manduca inkarigat mix-xoghlijiet, fejn inghad li kienu ser josservaw id-distanza skont il-ligi. (Dok S3 esebit).

Illi l-Qorti kif diversament ippreseduta, wara li hadet konjizzjoni ta' dan, tat id-digriet Dok S4, fejn astjeniet milli tiddeciedi b'mod ahhari dwar il-kaz. Sussegwentement minkejja dan id-digriet, l-intimati wettqu ksur ta' distanzi statutorji, kif jidher mir-rapport tal-perit John Papargiocoloplo datat 13 ta' Mejju 2019 (Dok S5). Ghalhekk, in segwitu, r-rikorrenti pprocedew bir-rikors odjern.

Illi giet ipprezentata nota mir-rikorrenti fil-mori ta' dan id-Digriet fejn urew li ghadhom qed isiru xoghlijiet fuq il-hajt

kontigwu tal-fond taghhom. Dwar dan ir-rikorrenti ghandhom rimedji appoziti u ghalhekk, ghalkemm din il-Qorti twiddeb li agir bi vjolazzjoni tal-ordni taghha jitqies bhala att ta' disprezz, ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din in-nota filwaqt li tirriserva lir-rikorrenti kull azzjoni spettanti.

**Dritt:**

Skont l-**artikolu 873(1) tal-Kap 12**, l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. Skont l-artikolu 873(2) tal-Kap 12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kriterji. L-ewwel kriterju hu li jrid juri li l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent, tant li bin-nuqqas tal-hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.[1] It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.[2]

---

[1] Ara f'dan is-sens "**Grech proprio et nomine vs Manfre`**" – A.C. – deciza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u "**40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**" (P.A. (RCP) – deciza fit-2 ta' Novembru 2010).

[2] Ara f'dan is-sens "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**", P.A. (TM) deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

Il-htiega li jintwera li l-parti li titlob il-hrug ta' mandat bhal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretizi hija htiega oggettiva u mhux soggettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant. Ikkonsidrat li mill-istess kliem tal-ligi, z-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat bhal dak. Illi din hi procedura intiza biex titqies bhala wahda sommarja billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegh ta' kawza dwar l-istess jedd.

Ikkonsidrat inoltre, li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. L-istharrig li jrid isir mill-Qorti f'talba bhal din huwa dak, jekk minghajr il-hrug tal-mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Jedd 'Prima Facie'**

Illi r-rikorrenti qed jittentaw iwaqqfu lill-intimati milli jaghmlu, jibdew u /jew iwettqu kwalunkwe xoghol ta' skavar, thaffir jew xort' ohra ta' tqattiegh u fis-sit precedentement maghruf bhala "Casa Doretta" Triq is-Swieqi, Swieqi, sakemm mhux imbieghed almenu sitta u sebghin centimetru (76cm) mill-

fond tar-rikrorenti (52, triq is-Swieqi Swieqi) u jew/milli jaghmlu kwalunkwe xoghol iehor, inkluz kwalunkwe xoghol ta' bini, illi jmiss ma' jew jaffetwa l-hajt divizorju mal-fond imsemmi tar-rikrorenti, jew li jkun *entro* s-sitta u sebghin centimetru (76 cm) fuq imsemmija.

L-intimati irribattew fit-trattazzjoni, li l-iskavar gie komplut, izda minkejja dan m'hemmx kontestazzjoni li l-intimati dahlu aktar 'il gewwa mis-sitta u sebghin centimetru permessi bil-ligi (76cm). Ghalhekk, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni ghall-fatt li l-impenn li nghata mill-kontro-parti li ma jsirx skavar fl-atti tal-mandat Numru (2019/2018/MH) ma nzammx u li aktar minn hekk, sar thaffir u skavar oltre` s-sitta u sebghin centimetru (76cm) indikati bil-ligi. Madanakollu gie sottomess li l-iskavar mhuwiex kompletat u ghalhekk hemm lok ghal dan il-mandat.

Irrizulta mit-trattazzjoni, li r-rikorrenti qed jippruvaw jikkawtelaw id-drittijiet taghhom sabiex ma jigux f'sitwazzjoni fejn ma jkunux jistghu jiggarantixu d-dritt taghhom *ex lege*. Ir-rikorrenti esebew serje ta' ritratti mehuda fit-18 ta' Mejju 2019 li juru l-iskavar bhala Dok S6. Inoltre`, mhuwiex ikkontestat li d-distanza ta' sitta u sebghin centimetru (76cm) li tohrog mil-ligi ma gietx osservata. *Di piu`*, diga kienet saret talba ghal-Mandat fl-atti tal-kaz (2019/2018/MH), fejn l-impenn li hadu l-intimati li ma jiskavawx u li jirrispettaw id-distanza ta' sitta u sebghin centimetru (76cm) ma gewx rispettati.

Inoltre, r-rikorrenti qed jilmentaw li x-xoghol jista' ikun ta' hsara billi huma konxji li zviluppi simili fl-istess inhawi

kkawzaw hsarat sostanzjali, anke minhabba l-kwalitajiet tal-art sottostanti. Effettivament din il-preokkupazzjoni mhix ristretta ghar-rikorrenti imma hija ingerenti fil-mod kif qed isiru kostruzzjonijiet f'Malta. Ghalkemm kull kaz jigi investigat skont ic-cirkostanzi partikolari, fil-kaz odjern, il-Qorti tinnota li l-intimati lanqas biss offrew indikazzjoni kif ghandhom jikkonformaw ruhhom mad-dettami tal-ligi u semplicement iddikjaraw li injoraw id-distanza minima mill-hajt li l-legislatur jimponi tassativament.

Ghalhekk, fil-kaz odjern, din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ippruvaw almenu fuq bazi *prima facie*, li ghandhom dritt x'jikkawtelaw.

**Necessita` tal-mandat.**

Il-Qorti tqis li din it-talba tissodisfa l-element ta' necessita` in kwantu jekk l-intimati jkomplu b'xoghol ta' skavar u thaffir kif deskritti fir-rikors, dan jista' jgib fix-xejn id-dritt vantat mir-rikorrenti. Ghalhekk din it-telfa tkun irrekuperabbli. Ikkonsidrat li l-intimati gja taw impenn quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, u injoraw dan l-impenn. Ghalhekk ma tistax tistrieh fuq il-kelma taghhom li mhuwiex ser isir thaffir izjed ghaliex din il-kelma gja intweriet li ma tiswa xejn.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti rnexxielhom jipprovaw li jezistu l-elementi rikjesti bil-Ligi ghall-hrug tal-Mandat kif mitlub.

## III. DECIDE.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha relattivi, taqta' u tiddeciedi, billi jirrizultalha li jezistu l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati, tilqa' t-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-intimati kif dedotta.

L-ispejjez jithallsu mill-intimati *in solidum* bejniethom.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**20 ta' Gunju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**20 ta' Gunju 2019**